**SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦALL-BIEDJA, SAJD U DRITTIJIET TAL-ANNIMALI**

*Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi*

**MALTA**

**PARLIAMENTARY SECRETARIAT FOR AGRICULTURE, FISHERIES AND ANIMAL RIGHTS**

*Wild Birds Regulation Unit*

# Servizzi ġodda għall-Għawdxin f'Għawdex stess

Is-servizzi tal-Wild Birds Regulation Unit se jibdew ikunu offruti wkoll mill-gżira Għawdxija.

Dan tħabbar mill-Ministru għal Għawdex Anton Refalo u s-Segretarju Parlamentari għall-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali Roderick Galdes, waqt żjara fl-uffiċċju l-ġdid tal-WBRU fil-farm tal-gvern fix-Xewkija.

Il-Ministru għal Għawdex Anton Refalo semma' kif dan hu pass żgħir imma sinifikanti li juri r-rieda li jiġu offruti f'Għawdex servizzi li s'issa kienu offruti f'Malta biss. Hu nnota kif f'din il-leġiżlatura infetħu aktar uffiċini f'Għawdex fosthom e-Residence, LEAP, l-Uffiċċju Reġjonali tal-Istatistika u l-ufficcju tal-Parole. Il-Ministru Refalo rrimarka li bil-ftuħ ta' dan l-uffiċċju, ser tkompli titnaqqas il-burokrazija u aktar nies se jinqdew f'Għawdex stess.

Is-Segretarju Parlamentari Roderick Galdes qal li l-uffiċċju tal-WBRU f'Għawdex se joffri firxa ta' servizzi għall-Għawdxin f'Għawdex stess. Dawn jinkludu tiġdid jew tibdil ta' liċenzji, pagamenti għal eżamijiet, bejgħ ta' materjal dwar l-ispeċi kaċċabli f'Malta, ordnijiet ta' kopji għal site plans reġistrati, pagamenti ta' multi amministrattivi, temi relatati mal-infurzar, servizzi ta' customer care u ilmenti oħra ġenerali.

Dan is-servizz se jibda jopera minn għada 28 ta' Jannar 2016 u se jkun miftuħ darbtejn fix-xahar, kull l-ewwel u l-aħħar ħamis tax-xahar, bejn 9am u 1pm. Biex wieħed jinqeda mhux se jkun hemm bżonn ta' appuntamenti minn qabel.

**SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦALL-BIEDJA, SAJD U DRITTIJIET TAL-ANNIMALI**

*Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi*

**MALTA**

**PARLIAMENTARY SECRETARIAT FOR AGRICULTURE, FISHERIES AND ANIMAL RIGHTS**

*Wild Birds Regulation Unit*

# WBRU services for hunters and trappers in Gozo

The Wild Birds Regulation Unit in collaboration with the Ministry for Gozo has today launched a new service for its clients in Gozo. The Unit's representatives will be available at the office at Xewkija Experimental Farm every last and first Thursday of each month between 0900 and 1300 hours. No prior appointment would be required for clients. Clients resident in Gozo will be able to benefit from the following services, amongst other:

1. Renewal or replacement of lost licenses
2. Enquiries concerning hunting examinations procedure and payments of exam fees
3. Purchase of educational posters concerning huntable species
4. Payments of administrative fines for contraventions under Conservation of Wild Birds Regulations
5. Placing orders for copies of registered site plans
6. Advice on applicable regulations and other matters falling within the responsibility of the Unit
7. Enforcement-related issues and complaints

This service will be available as from Thursday 28th January.